LOCAL COUNCIL
RECEIVED
08 MAR 2021
SAN GWANN

Mozzjoni:

Wara li dan il-Kunsill Lokali organizza Attivita għall-Anzjani f' Dicembru tal-2020 fejn fiha irriżulta li kien hemm teħid tal-virus Covid 19 liema attivita kien responsabbli għaliha l-Kunsillier responsabbli mill-Anzjani, is-Sur Anthony Mifsud Bonnici;

Wara li aħna l-Kunsillieri hawn taħt iffirmat tlabna kemm il-darba sabiex il-Kunsillier responsabbli jerfa r-responsabilita u jieħu azzjoni fosthom li jgħamel apologija pubblika;

Wara li bi prudenza kbira qajjimna din il-kwestjoni f'diversi laqgħat tal-Kunsill Lokali u stennejna sabiex il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici jieħu azzjoni mingħajr ma jkun hemm bzonn ta iktar pressjoni fil-konfront tiegħu;

Wara li issa għaddew diversi xhur u l-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici baqa jwebbes rasu u ma ħa ebda pass sabiex din il-kwestjoni tingħalaq;

Aħna l-Kunsillieri Domnic Cassar, Etienne Bonello du Puis, Joseph Aquilina u David Dalli nħossu li għandu jitnaddaf isem il-Kunsill Lokali ta San Gwann kif ukoll b'rispett lejn dawk kollha li ħadu l-virus tal-Covid 19 waqt l-attivita mmsemmija u lejn ir-residenti ta San Gwann li aħna lkoll nirrapprezentaw nitolbu li:

Il-Kunsill Lokali ta San Gwann għandu:

1: Jikkundanna lis-Sur Anthony Mifsud Bonnici li ma għamilx dak kollu possibbli sabiex jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat dan l-inċident;

2: Jitlobu lill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici jerfa r-responsabilita bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Anzjani u fi żmien 5 t'ijiem jgħamel apologija pubblika sabiex dan il-kaz jingħalaq;

Fin-nuqqas li dan isir, il-Kunsill Lokali jgħaddi sabiex jieħu miżuri oħrajn fuq din il-kwestjoni.

**Domnic Cassar**

**Etienne Bonello du Puis**

**Joseph Aquilina**

**David Dalli**